KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 28/7/194/17

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 28

*L-Erbgħa 26 ta' April 2017*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar **l-Erbgħa 26 ta' April 2017**. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku*<br>Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*<br>Nicholas Seychell-Kunsillier<br>Tyrone Muscat-Kunsillier<br>Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija**<br>(Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa-*Viċi Sindku*<br>Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

    1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kien irċieva ittri ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku Steven Axisa marbuta ma' raġunijiet personali u l-Kunsillier Roderick Spiteri fid-dawl li kien imsiefer. Il-membri qablu li huma ikun skużati.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

    2.1. Il-Minuti nr.27. ġew approvati *nem com.*

    2.2. Dwar punt 3.1 is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li wara li sargħet verifika seta' jikkonferma li it-talba li kienet sargħet sabiex isir *wifi* b'xejn fi Triq id-Dgħajjes u Ġnien Lorry Sant kienet waslet biex tiġi proċessata u l-ħlas ikun qed isir min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Għaldaqstant il-membri qablu li l-Kunsill għandu jiffinanzja is-servizz ta' St. Ubaldeska filwaqt li jara li dawn iż-żewġ servizzi ġodda jiġu installati mill-aktar fis.

    2.3. Dwar punt 10 il-Kunsillier Lynch qal li qed ikompli jaħdem fuq is-servizz tal-internet sabiex tiġi installata l-*skyline webcam* fid-dawl li għadna qed nistennew risposta dwar is-servizz ta' internet għall-camera.

*Il-Kunsillier Ivan Bartolo daħal issa.*

3. **Korrispondenza**

    3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tad-dokumentazzjoni mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali marbuta mal-skema ta' finanzjament għall-attivitajiet. Il-membri qablu li għanda issir laqgħa mal-għaqdiet tal-lokal dwar dan.

4. ***Financial Statements (Audited)***

    4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*financial statments* tal-Kunsill Lokali hekk kif ġie fi tmiemu il-proċess ta' awditjar u fl-istess statements ġew mgħoddija l-*adjustments* ssuġġeriti mill-Awdituri. Il-membri approvaw l-*audited financial statements.*

## 5. Staff

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi is-sejħa għall-impjegat fi Skala 16 bħala Supervisor kienet ħarġet b'mod intern fil-Kunsill Lokali Paola però ma kienet waslet l-ebda applikazzjoni. Kompla billi informa lil membri li kien ser imexxi is-sejħa għall-kumplament tal-Kunsilli Lokali.

## 6. Sejħiet għall-Offerti

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi apparti l-evalwazzjoni tat-tender tal-Accountant hemm bżonn issir ukoll dik marbuta mat-tender tal-ironmongery li ser jgħalaq f'Mejju. Għaldaqstant il-membri qablu li dawn jiġu evalwati mill-istess Kumitat li ser ikun magħmul hekk:

Chairperson (ESR)-Dominic Grima
Segretarju tal-Bord - Kurt Scerri
Evalwatur (ES)-Roderick Spiteri
Evalwatur (ES)-Bernard S. Lynch
Evalwatur (ES)- Ivan Bartolo

6.2. Is-Segretarju eżekuttiv informa lil membri illi kienet sargħet laqgħa mal-Perit sabiex isiru l-preparamenti għas-sejħiet marbuta mal-proġett tat-toroq u dak ta' *patching* u bankini.

## 7. Ġnien Dom Mintoff

7.1. Is-Sindku Dominic Grima informa lil membri illi wara bosta laqgħat li saru ma' Ministeri u entitajiet tal-Gvern seta' jikkonferma illi ix-xogħol fi Ġnien Dom Mintoff ser jibda fil-ġranet li ġejjin liema xogħol ser isir mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku kompla li dan ser iwassal biex fi ftit jiem ikun hawn żewġ proġetti kbar għaddejjin flimkien fil-lokalita, filwaqt li ser jitkompla ix-xogħol fuq preparamenti ta' diversi xogħolijiet u proġetti oħra.

8. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.1. Is-Sindku xtaq jirringrazzja lil Gvern preżenti hekk kif ingħalqet il-power station ta' Dellimara. Huwa fakkar kemm għal bosta snin kienu isiru protesti dwar trab iswed fl-arja u anke dwar il-problemi marbuta ma' mard respiratorju. Permezz ta' dan gawda il-poplu kollu ta' Raħal Ġdid u l-madwar.

8.2. Is-Sindku informa lil membri li għal-ġita ta' Sqallija ser jattendu 73 persuna u hemm kollox pjanat u lest sabiex kollox imur sew. Is-Sindku irringrazzja lil membri tal-appoġġ tagħhom f'dawn l-attivitajiet liema attivitajiet qed iħallu ammont sabiħ għall-Istrina.

9. **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

9.1. Il-Kunsillier Seychell talab lis-Sindku sabiex issir pressjoni b'rabta mal-emissjonijiet u irwejjaħ ikkawżati mill-Inċineratur tal-Biċċerija.

9.2. Il-Kunsillier Ivan Bartolo issuġġerixxa lil membri sabiex isir parkeġġ riservat għall-Mużew tal-Bniet bħal m'għandom anke il-Mużew tas-Subien. Il-membri qablu sabiex issir analiżi tal-parkeġġ fil-madwar sabiex naraw x'jista' isir.

10. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 28 għas-somma ta' €39,796.25

11. **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:15pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017.

Konfermati, illum l-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |